MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2004

Numru 443/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**Vs**

Carmel Zaffarese
Josephine Barbara
Charmaine Cutajar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Carmel Zaffarese, Josephine Barbara u Charmaine Cutajar ta’ karta ta’ identita’ numru 343639(M), 490170(M) u 316075(M) rispettivament, akkuzati:

Talli fis-27 ta’ Awissu, 2003 ghall-habta tad-9:30 a.m. gewwa M’Skala minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-

hajja f'periklu car ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Renald Cutajar I.D. 448573(M).

Akkuzati wkoll talli fl-istess cirkostanzi abbuzivament dahlu gewwa fond 'Mayfair Court', Flat 11, Triq Sant'Antnin, M'Skala minghajr il-kunsens tar-resident Renald Cutajar bi ksur tal-art. 330(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Akkuzati ukoll talli fl-istess data, lok u hin ikkommettew serq ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) minn 'Mayfair Court', Flat 11, Triq Sant'Antnin, M'Skala ghad detriment ta' Renald Cutajar liema serq kien ikkwalifikat bil-valur, bi ksur tal-art. 267 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok u hin ingurjaw, heddew u offendew lil Renald Cutajr, bi ksur tal-art. 339e u 252 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan akkuzati wkoll talli fl-istess cirkostanzi volontarjament ikkagunaw hsara fuq vettura VW Golf Convertible IAN283, kif ukoll ikkagunaw hsara volontarja fuq mobbli gewwa l-fond 'Mayfair Court', Flat 11, Triq Sant'Antnin, M'Skala liema hsara hija ta' iktar minn mitt lira ghad-dannu ta' Renald Cutajar, bi ksur tal-art. 325b tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan fl-istess cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, dagha u glied bi ksur tal-art 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jittrattaw offizi taht il-Kodici Kriminali (Kap 9), senjatament: l-ferita hafifa (artikolu 221), d-dhul mhux

awtorizzat f'dar (artikolu 330); is-serq aggravat bil-valur (artikolu 261c u 267), il-hsara volontarja (artikolu 325b) u l-ksur tal-bon ordni u l-kwiet pubbliku (artikolu 338dd).

Il-provi in sostenn ta' dawn l-akkuzi gew limitati ghax-xhieda tal-parti leza, l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati u l-produzzjoni tal-process verbal.

Jirrisulta mix-xhieda tal-parti leza li hu rrinunzja ghal kull azzjoni kriminali li hi rinunzjabbli. Fl-isfond tal-akkuzi dan ifisser illi l-azzjoni kriminali tinsab estinta fil-konfront tal-ewwel u t-tielet akkuza. Mix-xhieda tal-istess parti leza jirrisulta fic-car illi l-ebda akkuza ma treggi fil-konfront ta' l-imputati Carmel Zaffarese u Josephine Barbara.

Fil-konfront tal-imputata Charmaine Cutajar jirrisulta li hi tigi l-mara tal-parti leza, b'dan li hu applikabbli f'kull kaz l-Artikolu 331 tal-Kap 9 fis-sens li l-azzjoni kriminali ghal allegata hsara mhiex azzjonabbli kontra taghha. Dana qieghed jinghad apparti li mix-xhieda tal-parti leza kull ma jirrisulta hu li martu kienet f'dik l-okkazzjoni ghamlet hsara fl-intercom li l-istess parti leza kienet sussegwentement sewwiet.

Illi anke mir-risultanzi tal-process verbal jirrisulta li l-akkuzi huma mibnija fuq supposizjonijiet u presunzjonijiet li m'ghandhom ebda sostenn f'kawza kriminali. Anke l-akkuza kontravenzjonali tal-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika mhi mkien sorretta mill-provi. L-istess ghall-akkuza rigwaradnati s-serq jew allegat tali.

Inghad dan ghalhekk qeghdha din il-Qorti tillibera lill-imputati kollha tal-akkuzi migjuba kontra taghhom u fil-konfront tal-ewwel, t-tielet, u l-hames tiddikjara procediment estint.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------